**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Alexandra Mamo)**

**vs.**

**Simon Borg**

Numru 528/2000

Illum 20 ta' Gunju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Simon Borg**, ta' tletin (30) sena, bin Victor Emanuel u Carmelina neé Gauci Borda, imwieled Sliema fis-27 ta' Jannar 1969, residenti gewwa Block C, Flat 6, Piscopo Macedonia Street, Xemxija u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 97569(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi

wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn Lm10,000[1] ghad-dannu ta' Strand Marine Ltd bis-somma ta' Lm8,200[2], André Scerri bl-ammont ta' Lm3,150[3], Emanuel Camilleri bl-ammont ta' Lm4,000[4], Eman Camilleri bl-ammont ta' Lm4,000[5], Frank S Portelli bl-ammont ta' Lm1,336.51[6], Matthew Tanti bl-ammont ta' Lm2,000[7], l-APS Bank u Bank of Valletta, C&B Autoparts Limited u persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308, 309, u 310(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioé ha flejjes li jammontaw ghal aktar Lm5,000[8] liema flejjes jappartjenu lil Matthew Tanti u C&B Autoparts Limited, u persuni ohra u dan ir-reat sar bi ksur tal-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 18).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 48).

**Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 439 *et seq.*).**

---

[1] €23,293.74.
[2] €19,100.86.
[3] €7,337.53.
[4] €9,317.49.
[5] €9,317.49.
[6] €3,113.23.
[7] €4,658.75.
[8] €11,646.87.

Rat illi, fis-seduti tal-10 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 445) u tat-3 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 446), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2017, is-sottomissjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 517 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2003, xehdet l-Ufficjal Prosekutur is-**Supretendent gia Spettur Alexandra Mamo** (*a fol.* 34 *et seq.*) fejn spjegat fiex kienu jikkonsistu l-investigazzjonijiet redatti minnha fir-rigward tad-diversi rapporti li l-Pulizija rcevew fir-rigward tal-imputat u liema rapporti jirrigwardaw il-kawza odjerna. Ezebiet diversi stqarrijiet rilaxxati mill-imputat, liema stqarrijiet gew immarkati bhala Dok. "SB" (*a fol.* 42), Dok. "SB 1" (*a fol.* 43 *et seq.*), Dok. "SB 2" (*a fol.* 45 *et seq.*), u Dok. "SB 3" (*a fol.* 47 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2003, xehed ukoll **Livy Tabone Valletta** (*Manager* fil-fergha tal-Bank of Valletta f'San Pawl il-Bahar – *a fol.* 49 *et seq.*) fejn spjega li kont bin-numru 152-0385502-1 huwa *Current Account*, kont b'cekk *book* f'isem Simon u Caroline Borg Bartolo u li l-firmatarju huwa Simon Borg li ghandu l-istess Karta tal-Identita' bhal dik tal-imputat. Ezebixxa d-dettalji li gew immarkati bhala Dok. "SB 4" (*a fol.* 53) u kif ukoll *Statement of Account* tas-sena 1996 li gie mmarkat bhala Dok. "SB 5" (*a fol.* 54 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2003, xehed **Frank Portelli** (*a fol.* 71 *et seq.*) fejn spjega li ghandu negozju ta' karti liema negozju jinsab fil-belt Valletta. Jixhed li l-imputat xtara xi karti minn ghandu xi karti u hallsu b'zewg cekkijiet,, wiehed ta' Lm500 u iehor ta' Lm836.51,

liema cekkijiet ma setghux jissarrfu ghax skond il-Bank ma kienx hemm bizzejjed flus fil-kont. Mistoqsi jghid kif sar il-hlas, wiegeb: *"Jien tajtu cash sale u hu taghhomli dak il-hin"* (*a fol.* 73). Jghid li kif l-imputat ha l-karta li xtara, sar il-pagament. Jixhed li l-ammont ta' Lm1336.51 ghadu dovut mill-imputat. Ezebixxa z-zewg cekkijiet li gew immarkati bhala Dok. "A" u "B" (*a fol.* 76).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li n-negozju sar fis-sena 1996 u mistoqsi dwar id-data meta mar issarraf ic-cekkijiet, jghid li dan jirrizulta mid-data li hemm fuq wara tac-cekkijiet.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2003, xehed ukoll **PS 494 Gordin Borg** (*a fol.* 77 *et seq.*) fejn spega li kien sar rapport rigward zewg cekkijiet tal-BOV li ma gewx onorati mill-Bank liema cekkijiet inhargu mill-imputat ghal *cash on delivery* u li kienu jirragwardaw hlas ta' karti tal-fotokopja minn ghand Frank S Portelli.

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2003, xehed ukoll **James Duca** (skrivan fl-Ufficju Legali tal-Bank APS – *a fol.* 81 *et seq.*) fejn spjega li kont numru 12077930025 isejjah lil Simon Borg. Ezebixxa *Statement of Account* tas-sena 1998 li gie mmarkat bhala Dok. "JD" (*a fol.* 86 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2003, xehed ukoll **André Scerri** (*a fol.* 89 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien mar ghandu biex jissellef xi flus u hu sellfu l-flus wara li l-imputat qallu li kellu dghajsa *Excel Wellcraft* u wrieh kemm il-licenzja u kif ukoll l-assigurazzjoni ta' din id-dghajsa li kienu t-tnejn isejjhu lill-imputat. Jghid li l-imputat ghamel id-dghajsa bhala garanzija li kien ser ihallsu lura (lil Scerri). Jispjega li wara li ghadda z-zmien miftiehem li fih l-imputat kellu jaghtih lura l-flus, hu (Scerri) ha d-dghajsa in kwistjoni u ghamilha gol-garaxx tieghu. Jixhed li wara sitt xhur sar it-trasferiment tad-dghajsa fuqu (fuq Scerri). Jispjega li s-sena ta' wara ma kellux hin ghad-dghajsa u siehbu Matthew Scott tah nofs il-valur tad-dghajsa, u qalbu d-dghajsa fuq isimhom it-tnejn. Jghid li f'dak is-sajf marru zewg marixxalli u qabdu d-dghajsa u hu (Scerri) qabad il-flus li kien tah Scott u taghhomlu lura. Ikompli jghid li l-agent tad-dghajsa, cioé Strand Marine, fetah kawza ghax sostna li d-dghajsa

kienet ghadha ma thallsitx u li l-kawza nqatghet li Strand Marine tiehu d-dghajsa u hu (Scerri) jiehu l-flus. Jghid li l-imputat ghamillu kambjali. Meta gie mistoqsi jghid kemm sellef lill-imputat jghid li sellfu s-somma ta' Lm3150.

**André Scerri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003 (*a fol.* 119 *et seq.*) fejn spjega li huwa sellef lill-imputat is-somma ta' Lm3150 ghal xi negozju ta' *cafeteria*. Ezebixxa skrittura (Dok. "AS" – *a fol.* 139)[9], certifikat tal-assigurazzjoni tad-dghajsa li jghajjat lill-imputat (Dok. "AS 1" – *a fol.* 140 *et seq.*), u kif ukoll skrittura ohra (Dok. "AS 2" – *a fol.* 142 *et seq.*). Jixhed li l-imputat ma qallux ta' min kienet id-dghajsa u li meta mar biex tinqaleb id-dghajsa fuq ismu (fuq isem Scerri) ma kienx jaf bil-pendenzi li kien hemm fuq id-dghajsa. Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk kienx jaf bil-pendenzi li kien hemm fuq id-dghajsa meta l-imputat qaleb id-dghajsa fuq ismu, l-ewwel wiegeb fin-negattiv u ftit wara jghid: *"Id-data ezatt ma niftakarx pero jien sa fejn naf jien ma kontx naf"* (*a fol.* 134).

In <u>kontro-ezami</u> (*a fol.* 135 *et seq.*) mistoqsi jghid jekk staqsiex lill-imputat jekk kienx hemm pendenzi dak iz-zmien, wiegeb: *"Le ma staqsejtux"* (*a fol.* 136). Jixhed li huwa ma appellax mis-sentenza fejn il-Qorti ddecidiet li meta sar it-trasferiment tad-dghajsa fuqu huwa kien diga' jaf li kien hemm pendenzi fuq id-dghajsa.

In <u>kontro-ezami</u>[10], li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007 (*a fol.* 284 *et seq.*), meta giet imsemmija s-somma ta' Lm2000 mill-konsulent legali tal-imputat, Scerri qal: *"is-somma ta' Lm2000 ma nafx minn fejn qed iggibha int ghax meta tajtu l-flus hu ffirma l-karta u hemm il-firma tieghu u l-firma tieghi hemmhekk"* (*a fol.* 286). Jghid li kien wara li d-dghajsa giet maqluba fuq ismu (fuq isem Scerri) li sar jaf li d-dghajsa kienet inxtrat mill-imputat minn ghand Strand Marine u li l-imputat kien ghadu ma hallashomx.

Jixhed li minkejja li l-imputat ghamillu kambjali, l-imputat baqa' ma hallsux kambjala wahda. Jichad li s-somma ta' Lm1150 mill-

[9] Dan huwa kopja ta' Dok. "AS" (*a fol.* 300).
[10] Il-Qorti diversament preseduta tat il-*caution* lil André Scerri qabel ma beda l-kontro-ezami tieghu (*a fol.* 284).

Lm3150 qed jitlobha bhala interessi iktar milli suppost. Meta gie suggeriet lilu li meta saru l-kambjali s-somma kibret ghal Lm6000, wiegeb li l-kawza saret fis-sena 1997 u meta nhadmet is-somma, is-somma gholiet bir-rata ta' 8% imghax fis-sena. Jghid li saret kawza ghall-kambjali fl-ammont ta' Lm3720 u gie ezebiet dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "AS 2" (*a fol.* 302). Jghid li bl-amment ma jafx kemm ghandu jiehu flus mill-imputat pero jghid li hemm il-kambjali li juru ezatt kemm ghandu jiehu. Aktar tard jghid: *"Jiena li naf zgur li ghandi niehu huma Lm3150 li tajtu plus l-imghax li kien akkumula bl-8% li konna hdimnieha quddiem Simon nerga' nghidlek u quddiem Dr. Rachel Montebello bl-8% li kien akkumula mid-data li tajtu l-flus"* (*a fol.* 294). Jichad li qatt tkellem fuq uzura. Jghid li l-intenzjoni tieghu ma kienitx li jzomm id-dghajsa pero kellu l-intenzjoni li jkollu xi haga tiswa almenu l-ammont ta flus li kien ta lill-imputat. Jghid li hu jrid lura l-flus.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2007 (*a fol.* 306 *et seq.*), Scerri ta spjegazzjoni tal-kalkoli kif mis-somma ta' Lm3150 gew Lm5250. Jghid li zdied l-imghax bir-rata ta' 8% fis-sena. Jixhed li mill-mija u hamsa u sebghin kambjala, l-imputat kull ma hallsu kien biss Lm450. Ezebixxa dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AS 3" (*a fol.* 311 *et seq.*).[11]

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003, xehed **Dr. Mark Sammut** (*Legal Advisor* tal-bank APS – *a fol.* 109 *et seq.*) fejn spjega li kont numru 12077930025 isejjah lil Simon Borg a/c Beauty Palace. Ezebixxa *Statement of Account* tas-sena 1998 li gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 113 *et seq.*) u kif ukoll vera kopja tal-i*Specimen Signature* tal-*account holder ossia* imputat li gie mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 118), minn liema Dok. "B" jirrizulta li n-numru tal-Karta tal-Identita' hija dik tal-imputat.

**Dr. Mark Sammut** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003 (*a fol.* 204 *et seq.*) fejn ezebixxa l-*Opening of Account Form* tal-imputat li gie immarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 207) u rega'

[11] Id-difiza oggezzjonat ghall-prezentata ta' dawn id-dokumenti ghar-ragunijiet imsemmija fil-verbal tas-seduta tas- 26 ta' Settembru 2007 (*a fol.* 304).

ezebixxa *Specimen Signature* tal-imputat li gie mmarkat bhala Dok. "B" (*a fol.* 208).

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003, xehed ukoll **Matthew Tanti** (*a fol.* 145 *et seq.* u *a fol.* 186 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat u hu kienu ser jaghmlu negozju li kien jinvolvi xiri ta' vetturi *landrovers* minn ghand certu Joe Camilleri (li ghandu negozju tal-*jeeps* u li jgib il-*landrovers* mill-Gappun u ghandu hanut fl-Msida). Ikkonferma li bejnu u bejn l-imputat kien hemm tip ta' arrangament li l-imputat jixtri l-vetturi, l-imputat ibieghhom u l-qliegh jinqasam bejniethom. Jispjega li ta s-somma ta' Lm2000 lill-imputat biex ikun jista' jahdem bihom u dawn il-flus ma thallsux lura lilu mill-imputat. Mistoqsi mill-Qorti jghid jekk l-arrangament li johrog Lm2000 sarx quddiem xi hadd jew bejniethom, wiegeb: *"Bejni u bejnu"* (*a fol.* 188). Jixhed li x'hin ra li ma kien hemm l-ebda profitti min-negozju, talab lill-imputat ihallsu lura s-somma ta' Lm2000 u minkejja li l-imputat ghamillu kambjala, l-imputat hallsu biss is-somma ta' Lm300.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li wara certu zmien avvicina lill-imputat biex jiehu lura s-somma ta' Lm2000 u jispecifika li dan sar wara li hu (Tanti) kien qata' qalbu mill-profitti. Ma jidhirlux li qatt avvicina lill-imputat specifikament fuq il-profitti.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 397) ikkonferma li l-kwistjoni li kellu mal-imputat issa giet sorvolata. Ikkonferma wkoll li *stante* li din il-kwistjoni giet sorvolata, ma baqghalux aktar interess fil-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003, xehed ukoll **Joseph Camilleri** (*a fol.* 165 *et seq.*) fejn spjega li madwar hames snin qabel l-imputat kien mar ghandu biex jiehu xi vetturi u hu (Camilleri) kien tah xi seba' jew tmien 4x4's vannijiet u l-imputat biegh erbgha (4) minnhom u baqa' ma hallsux. Jghid li, jekk jiftakar sew, l-ammont li fadal pendenti kien dak ta' bejn Lm3000 u Lm4000. Jghid li l-imputat biegh erbgha (4) mill-vetturi li ha. Mistoqsi jghid jekk minn dan il-bejgh l-imputat hallsux il-flus dovuti lilu, wiegeb: *"Mill-bejgh kienu dahlu xi flus pero mhux kollha"* (*a fol.* 170). Jghid: *"Li niftakar li lil Matthew kont bghettlu 4x4 jiena, bghettlu minn ghalija Land*

*Cruiser abjad kien u li ghandi idea ta' Simon u Matthew li kien inghata cekk, kien hemm xi haga fuq xi cekk, x'inhi ezatt ma nistax niftakar"* (*a fol.* 172). Jghid li darba minnhom fil-prezenza tieghu kien hemm prezenti Matthew Tanti u l-imputat u jghid: *"Ghal hekk qed nghidlek ghandi amment li kien nghata xi cekk minn Matthew lil Simon u Simon tah lili qed nahseb on those lines"* (*a fol.* 172). Mistoqsi jghid kemm kien dan ic-cekk, wiegeb: *"Minn ghalija, jekk mhux sejjer zball, nerga' nghidlek ma nafx jekk hux xi Lm2000 xi haga hekk"* (*a fol.* 174). Jghid li skond hu, in-negozju kien sar mal-imputat.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 395 *et seq.*) ikkonferma li l-kwistjoni li kellu mal-imputat issa giet sorvolata. Ikkonferma wkoll li *stante* li din il-kwistjoni giet sorvolata, ma baqghalux aktar interess fil-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2003, xehed ukoll **Albert Scerri** (*a fol.* 179 *et seq.*) fejn ikkonferma li huwa l-*accountant* ta' Joseph Camilleri. Jispjega kif l-imputat avvicinahom u staqsiehom jekk humiex lesti li jaghtuh xi vetturi biex ibieghhom u kif ibieghhom jghaddielhom il-flus tal-bejgh li huma jkunu qalulu li jkunu jridu. Jispjega li ghal bidu mxew tajjeb pero wasal zmien fejn minkejja li taw xi vetturi lill-imputat, l-imputat ma ghaddielhom l-ebda flus. Jghid li l-imputat kien tahom cekk ta' Lm4000, liema cekk kien mahrug fuq missier l-imputat, Victor, u meta dan ic-cekk gie depozitat, ic-cekk ibbownsja. Jghid li minkejja lill-imputat tawh cans jirranga diversi drabi, pero kien kollu ta' xejn. Jixhed: *"Imbaghad kien baqghalu jaghtina xi Lm3600 u konna ftehmna li dan ihallashom permezz ta' kambjali pero zammejna dejjem id-dritt li ahna niehdu passi legali li hemm bzonn hux ghax dan il-flus kien dahhalhom"* (*a fol.* 181). Jghid li l-imputat kien ikkonferma maghhom li l-flus kien vera zammhom hu. Jixhed li ma saret ebda forma ta' skrittura privata ghax Camilleri kellu fiducja fl-imputat u kien sar kollox bil-fomm. Jghid li meta l-imputat kien baqghalu jaghtihom Lm3600 kienet saret kitba bejniethom u saru wkoll kambjali pero l-imputat falla. Ghad-domanda tal-Qorti: *"Quddiemek qatt sar xi pagament bejn is-Sur Borg u s-Sur Tanti?"* (*a fol.* 184), wiegeb: *"Le li niftakar jien le ghax ahna mas-Sur Matthew ma ghandna x'naqsmu xejn f'dan in-negozju. Matthew ma ghandu x'jaqsam xejn man-negozju taghna u ahna*

*qatt ma ghamilna dealings mieghu hux jigifieri"* (*a fol.* 185). Ghad-domanda: *"Dejjem mas-Sur Borg?"* (*a fol.* 185), wiegeb: *"iva ahna mas-Sur Simon Borg biss"* (*a fol.* 185). Jghid: *"Nghid ukoll li l-flus ghadhom pendenti sa llum. Avolja kien sar kuntratt u qatt ma gie onorat sa issa"* (*a fol.* 185).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, xehed il-**Perit Anthony Scerri** (*a fol.* 201 *et seq.*) fejn beda billi qal li ma jafx lill-imputat u ghad-domanda: *"Taf l-involviment tat-tifel tieghek, jekk kien hemm, mas-Sur Borg x'kien?"* (*a fol.* 201), wiegeb: *"Jien kull ma naf fuq dan ir-rigward huwa li darba kont fl-ufficcju tas-Sur Ray Calleja u sabni Steve it-tifel ta' Ray Calleja fejn qalli hekk ghaddieli messagg, qalli ghidt lit-tifel joqghod attent dwar xi negozju li kien ghamel fuq xi dghajsa. Daqshekk kull ma naf jien"* (*a fol.* 202). Jixhed li jaf li ibnu kellu kawza fuq xi dghajsa.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, xehed ukoll **PC 1124 Vince Micallef** (*a fol.* 209 *et seq.*) fejn spjega li kien saret kwerela kontra l-imputat minn ghand Frank Portelli fir-rigward ta' zewg cekkijiet li jammontaw ghal madwar Lm1300. Jghid li l-ewwel ma gie verifikat ma' Portelli kien jekk ic-cekkijiet li hargu, hargux *cash on delivery*. Ikkonferma li wara li gie stabbilit dan, baghtu ghall-imputat. Wara li ra z-zewg cekkijiet li jinsabu *a fol.* 76 ikkonferma li dawn huma z-zewg cekkijiet li ghamel riferenza ghalihom.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-imputat hareg cekkijiet lil Portelli u gew lura *referred to drawer*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, xehed ukoll **Steve Calleja** (*a fol.* 215 *et seq.*) fejn spjega li ghandu negozju tad-dghajjes bl-isem ta' Strand Marine Auto Systems Limited li jinsab il-Marsa. Jghid li lill-imputat jafu peress li xi snin qabel giet mibjugha lilu dghajsa. Jghid li mal-imputat ha hsieb il-kugin tieghu bl-isem ta' Pierre Travers Strauss. Jghid li hu (Calleja) ltaqa' mal-imputat meta l-imputat wera interess f'dghajsa partikolari.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, xehed ukoll **Eman Camilleri** (*Supervisor* fil-Bank of Valletta, Floriana – *a fol.* 219 *et seq.*)

fejn spjega li kien jahdem bhala kaxxier mal-Bank of Valletta u hemm sar jaf lil Emanuel sive Noel Camilleri, li kien klijent regolari tal-Bank. Jghid li dan Camilleri mar b'cekk tal-APS li kien jghajjat lil Simon Borg, li hu (Eman Camilleri) ma kienx jafu u li Emanuel Camilleri kien qallu li hu habib tieghu, liema cekk kien fl-ammont ta' Lm4000 *pay cash* u hu (Eman Camilleri) ra li c-cekk kien tajjeb u ra li gie ffirmat fuq wara minn Emanuel sive Noel Camilleri u sarraf ic-cekk. Jghid li wara ftit ic-cekk in kwistjoni mar lura *referred to drawer* u minkejja li rega' ipprova jghaddi c-cekk ghat-tieni darba pero dan rega' mar lura *referred to drawer*. Jixhed li peress li Emanuel Camilleri kien qallu li l-flus kien ghaddiehom lil min kien jghajjat ic-cekk u li ma kellux minn fejn ihallas Lm4000, hu (Eman Camilleri) spicca hareg Lm4000 minn butu. Jghid li minkejja li l-imputat accetta li jaghtih is-somma ta' Lm4000 tant li giet iffirmata Kostituzzjoni ta' Debitu (Dok. "EC 1" – *a fol.* 231), hu spicca qatt ma ha xejn. Jixhed li gie mhejji t-tieni kuntratt (Dok. "EC 2" – *fol.* 232) u wara hafna tahbit l-imputat tah Lm2300 b'cekk bankarju. Spjega li sar kuntratt iehor (Dok. "EC 3" – *a fol.* 235 *et seq.*) minn liema jirrizulta li l-imputat kien fadallu jhallsu s-somma ta' Lm1700 u minkejja li l-imputat kellu jaghtih Lm75 fix-xahar, *"sa issa qatt ma tani xejn aktar"* (*a fol.* 226). Ezebixxa wkoll zewg ittri li gew immarkati bhala Dok. "EC 4" (*a fol.* 237 u 238). Jghid li l-ammont pendenti ghadu dak ta' Lm1700 u l-ahhar li l-imputat kellmu kien meta ghamlu l-ahhar kuntratt.

Illi, fis-seduta tal-25 ta' Frar 2004, xehed **Pierre Travers Strauss** (*a fol.* 240 *et seq.*) fejn spjega li huwa direttur tal-kumpanija Strand Marine liema kumpanija tbiegh dghajjes, accessjorji tad-dghajjes ecc. Ikkonferma li kien sar rapport lill-Pulizija dwar dghajsa li kienet giet mibjugha lill-imputat u li kien sar kuntratt bejniethom u kellu jithallas permezz ta' *hire purchase* u li l-imputat qatt ma hallas l-ebda wahda mill-pagamenti tieghu. Jghid li nfethet kawza l-Qorti, liema kawza giet mirbuha u d-dghajsa in kwistjoni giet maqbuda mill-Qorti. Jghid li l-kuntratt sar bejn l-imputat u Strand Marine. Ma jiftakarx fuq min kienet l-assigurazzjoni tad-dghajsa. Jghid li minkejja li fil-kuntratt kien hemm miktub li l-imputat ma setghax jittrasferixxi d-dghajsa lil xi hadd iehor, l-imputat xorta ghamel dan it-trasferiment. Jixhed li l-imputat ma nfurmahomx qabel ma

ghadda d-dghajsa lil xi hadd iehor. Ezebixxa l-kuntratt li gie mmarkat bhala Dok. "A" (*a fol.* 246) u kif ukoll il-kambjali li gew immarkati bhala Dok. "B" (*a fol.* 247 ). Jghid li llum il-gurnata (cioé meta xehed) id-dghajsa haduha lura u li fadal biss l-ammont ta' Lm2500 bhala spejjez tal-Qorti.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li rebhu l-kawzi anke fil-konfront ta' Matthew Scott u André Scerri.

In <u>kontro-ezami</u>, li tkompla fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 450 *et seq.*), waqt liema kontro-ezami d-difiza ezebiet kontro-mandat li gie mmarkat bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 452 *et seq.*), ikkonferma li llum il-gurnata m'hemm l-ebda pendenza mal-imputat.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Dicembru 2004, xehed **Emanuel Camilleri** (*a fol.* 251 *et seq.*) fejn spjega li l-imputat kien tah cekk ta' Lm4000 (Dok. "EC" – *a fol.* 230), mar il-Bank, sarraf ic-cekk, ta l-flus lill-imputat, u wara gie nfurmat li c-cekk kien ibbownsja u dana minkejja li l-imputat kien qallu li kien hemm bizzejjed flus fil-kont. Jixhed li mhux vera li l-imputat tah Lm500 u zied jghid li ghal dan il-pjacir ma rcieva xejn.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tas-6 ta' Frar 2008 (*a fol.* 329 *et seq.*), ikkonferma li ma ghandu jiehu xejn minn ghand l-imputat. Ghad-domanda jekk ic-cekk kienx *post-dated*, wiegeb li ma jafx.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2005, xehed **Matthew Scott** (*a fol.* 270 *et seq.*) fejn spjega li André Scerri huwa habib tieghu u ilu jafu mindu kienu l-iskola. Jghid li Scerri kellu dghajsa u hu (Scott) kien dahal *partner* mieghu wara li André Scerri kien staqsieh jekk riedx jidhol *partner* mieghu u hu (Scott) tah nofs kemm hasbu li tiswa d-dghajsa. Jispjega li kien jaf li Scerri kien gab din id-dghajsa minn xi hadd bl-isem ta' Simon u li la hu (Scott) u anqas Scerri ma kienu jafu li kien hemm xi problemi fuq din id-dghajsa. Jixhed kif wara xi zmien id-dghajsa giet maqbuda u li André Scerri kien tah lura l-flus li kien tah. Jghid li hu qatt ma ltaqa' u qatt ma ra lill-imputat.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2014, xehed l-imputat **Simon Borg** (*a fol.* 403 *et seq.*) fejn beda billi jispega li kien hemm zmien fejn kien qed jinnegozja *coffee shop* gol-*Exotique* u kien talab lill-habib tieghu André Scerri sabiex jghinu ghax kellu bzonn jixtri l-i*stock* u Scerri kien tah Lm2000 u ghamlu dokument fejn Scerri qallu li kien ser jaghmilhom Lm3150, sar id-dokument u hu (l-imputat) accetta. Jghid li l-intenzjoni tieghu kienet li wara sitt xhur jaghti l-flus lura lil Scerri. Jispjega li peress li l-hanut ma rrendiex u kellu problemi familjari u Scerri beda jippressah biex ihallsu, Scerri qallu biex bhala garanzija jaghmel trasferiment fuqu ta' dghajsa li l-imputat kellu, liema dghajsa kienet bil-kambjali. Jghid li lil Scerri kien qallu li d-dghajsa ma kienitx imhallsa u li hu (l-imputat) riedha lura. Ikkonferma li huwa ffirma dokument immarkat bhala Dok. "AS" (*a fol.* 139). Ikkonferma wkoll li l-Strand Marine hadu lura d-dghajsa peress li kien hemm mandat. Jghid li d-dghajsa kien xtraha ghas-somma ta' Lm8000 u li minkejja li Scerri kien tah is-somma ta' Lm2000, fid-dokument gie mnizzel Lm3150. Mistoqsi jghid jekk illum il-gurnata hallasx lil André Scerri wiegeb fin-negattiv u mistoqsi ghala, wiegeb li Scerri qed jitlob hafna aktar mill-ammont originali u semma s-somma ta' Lm6000. Ikkonferma li l-ammont li Scerri tah gie moghti lilu b'self.

Fir-rigward tal-kwistjoni ma' Eman u Emanuel Camilleri, qal li kien ta cekk ta' Lm4000 lil Emanuel Camilleri u wara jumejn Emanuel Camilleri tah is-somma ta' Lm3500 u rigward id-differenza jghid: *"Id-differenza qalli tajthom minn fejn gibthomlok"* (*a fol.* 408). Jghid li hu qatt ma tkellem ma' Eman Camilleri li jahdem il-bank u li wara xi zmien kien cempillu *Manager* tal-BOV li qallu li Eman Camilleri kien sarraf cekk li kien *post-dated*. Jghid li hu (l-imputat) ghamel ic-cekk *post-dated* peress li kien jaf li f'dak iz-zmien li hargu ma kellux flus fil-kont pero kellu konvenju fuq id-dar u *"kelli l-intenzjoni li ha jissarraf li ha jehodhom mill-flus tal-bejgh tad-dar tieghi"* (*a fol.* 409). Jghid li l-konvenju sar u l-flus zammhom in-Nutar. Mistoqsi jghid jekk illum il-gurnata hallasx lil Eman Camilleri, wiegeb fl-affermattiv.

Fir-rigward tal-kwistjoni ma' Frank Portelli, jibda billi jghid li l-kont tieghu fejn inghad li zewg cekkjijiet tal-BOV ibbansjaw, kien kont

*overdraft*. Jghid: *"dana kont hrigtulu cekk, minghalija fl-ahhar ta' April kien, imbaghad kont ghamiltlu cekk iehor f'May u ma kienx avzani jekk giex ibbawnsjat jew ma giex onorat jew hekk ghax jien kelli overdraft. U baqghet hekk. Jigifieri ma nafx x'gara mal-Bank ghax kelli overdraft dak iz-zmien"* (*a fol.* 410-411).

In kontro-ezami jghid li meta xtara l-karti minn ghand Portelli, lil Portelli hallsu b'cekk u Portelli tah il-karti. Ikkonferma li meta hu xtara u ha l-lott ta' karti minn ghand Portelli, hu (l-imputat) dejjem hallas dak il-hin bic-cekk. Fir-rigward ta' André Scerri, mistoqsi jikkonfermax li Scerri ma kienx jaf li d-dghajsa kienet ghadha bil-kambjali u li kienet ghadha mhux mhallsa kompletament, jghid li Scerri qed jigdeb. Isostni li Scerri kien jaf li d-dghajsa kellha d-dejn fuqha. Fir-rigward ta' Camilleri, jghid li c-cekk tal-APS kien tieghu (tal-imputat). Jixhed li c-cekk kien *post-dated* u meta kiteb ic-cekk u tah ic-cekk, flus fil-kont ma kellux. Isostni li Emanuel Camilleri kien jaf li c-cekk kien *post-dated*.

In ri-ezami jghid li ma kienx jaf x'kien ser jaghmel Emanuel Camilleri bic-cekk li kien tah. Ghad-domanda tal-Prosekuzzjoni kif kien ser jissarraf ic-cekk, wiegeb li c-cekk kien bhala garanzija.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*.

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjonijiet qed jigi akkuzat bi frodi b'eghmil qarrieqi u b'kazijiet ohra ta' qligh b'qerq u fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni qed jigi akkuzat b'approprjazzjoni bla jedd. Fiz-zewg imputazzjonijiet issir riferenza ghan-nies (u ghall-ammonti) li fil-konfront taghhom l-imputat allegatament ikkommetta r-reati msemmija.

Illi l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-istqarrijiet (Dok. "SB" – *a fol.* 42; Dok. "SB 1" – *a fol.* 43 *et seq.*; Dok. "SB 2" – *a fol.* 45 *et seq.*, u Dok. "SB 3" – *a fol.* 47) rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija u dak li nghad fihom u li sar riferenza ghalihom fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dana *stante* li, meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet, l-imputat ma nghatax zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-Pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioé fis-snin 1998, 1999, u 2000, ma kienitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Dan qed jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi". Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]

Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew

i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor.

> [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]
>
> Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell'articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

> "kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita' ta' verita' kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz *mise-en-scene*".

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

> "….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fiz-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-*Corte di Cassazione Penale* gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179).*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

> *"L'agente […] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere*

*frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qablu.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

- Strand Marine Ltd.
- André Scerri

lli jirrizulta li Strand Marine Ltd bieghet dghajsa lill-imputat liema dghajsa ma thallsitx b'*cash* u l-ftehim tal-bejgh jelenka numru ta' kundizzjonijiet, fosthom dik li d-dghajsa ma setghetx tinbiegh, ma setghetx tigi trasferita u ma setghax isir negozju iehor fuqha (Dok "A" – *a fol.* 246). Il-Qorti semghet kif l-imputat issellef flus minn ghand André Scerri. Da parte tieghu, André Scerri jghid li bhala garanzija ghal dan is-self kien gie moghti d-dghajsa. Dan jirrizulta minn Dok. "AS" (*a fol.* 300). André Scerri jsostni li huwa ma kienx jaf li d-dghajsa kienet ghadha mhux imhallsa kompletament u li kien sar jaf biss wara li l-imputat kien xtara d-dghajsa minn ghand Strand Marine u li l-imputat kien ghadu ma hallashomx. Da parte tieghu, l-imputat spjega li Scerri kien jaf li d-dghajsa kienet ghadha mhux imhallsa kompletament u li, minkejja dan, Scerri xorta wahda ried garanzija fuq id-dghajsa. Id-difiza ssostni li André Scerri ma ghandux jitwemmen meta huwa jghid li ma kienx jaf li d-dghajsa kienet ghadha mhux imhallsa kompletament.

Illi l-Qorti tinnota li fl-iskrittura mmarkata bhala Dok. "A" (*a fol.* 246) jirrizulta li d-dghajsa in kwistjoni kienet qed tinbiegh ghas-somma ta' Lm8,200. Il-Qorti jirrizultalha li l-ammont misluf lill-imputat minn André Scerri kien ferm u ferm anqas minn dan: filwaqt li l-imputat jghid li din is-somma kienet dik ta' Lm2000, fl-iskrittura mmarkata bhala Dok. "AS" (*a fol.* 300) hemm indikat is-somma ta' Lm3150. Il-Qorti, filwaqt li tinnota li l-Qorti diversament preseduta tat il-*caution* lil André Scerri qabel ma beda l-kontro-ezami tieghu fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2007 (*a fol.* 284), tistaqsi

ghala Scerri accetta bhala garanzija dghajsa li kienet tiswa hafna aktar mis-somma mislufa minnu u li skond hu ma kienx jaf li d-dghajsa ma kienitx ghadha mhallsa kompletament?! Il-Qorti tistaqsi wkoll ir-raguni ghala Scerri ppretenda li jzomm ghandu dghajsa li tiswa' hafna aktar mis-somma mislufa minnu?

Illi l-Qorti tinnota li minkejja li André Scerri qal diversi drabi li huwa ma kienx jaf li kien hemm xi pendenzi fuq id-dghajsa in kwistjoni, f'hin minnhom, wara li kien ghadu kemm qal li ma kienx jaf bil-pendenzi li kien hemm, qal: *"Id-data ezatt ma niftakarx pero jien sa fejn naf jien ma kontx naf"* (*a fol.* 134).

Illi minkejja d-depozizzjonijiet twal u ma jispiccaw qatt tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni, fejn uhud mix-xhieda hadu l-pedana tax-xhieda aktar minn darba, il-Qorti mhijiex konvinta minn dak li André Scerri xehed fid-diversi drabi li huwa ha l-pedana tax-xhieda. Ma jirrizultax pruvat dak li qal Scerri specjalment meta qal li huwa ma kienx jaf li d-dghajsa in kwistjoni ma kienitx imhallsa kompletament. Il-Qorti tinnota li fil-kontro-ezami tieghu (*a fol.* 135 *et seq.*) Scerri qal li ma appellax mis-sentenza fejn il-Qorti ddikjarat li meta sar it-trasferiment fuqu kien diga' jaf li kien hemm pendenzi fuq id-dghajsa.

Illi, fir-rigward ta' Strand Marine Ltd., il-Qorti tinnota li fl-iskrittura mmarkata bhala Dok. "A" (*a fol.* 246) hemm stipulat is-segwenti:

> *"It is also hereby agreed that the above boat will remain the property of Strand Marine Limited until fully paid and the buyer also cannot sell, lend or charter the above boat without the prior consent of Strand Marine Limited until it is fully paid"*.

Illi m'hemmx dubju li jirrizulta li l-imputat ma osservax din il-kundizzjoni hawn fuq kwotata. Ghal kull buon fini, il-Qorti tinnota li fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2016 Pierre Travers Strauss (direttur ta' Strand Marine) xehed li mal-imputat ma kien ghad fadal l-ebda pendenza.

Illi tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad fir-rigward ta' Strand Marine Ltd. u mehud in konsiderazzjoni dak li nghad aktar il-fuq fir-rigward ta' André Scerri, il-Qorti tinnota li l-elementi kostituttivi ta' dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat fl-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward tal-persuni msemmija ma jezistux. Ma jirrizulta minn imkien dak li jipprovdu Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' Strand Marine Ltd. u André Scerri.

- <u>Matthew Tanti</u>
- <u>C&B Autoparts Limited</u>

Illi Matthew Tanti spjega li ta s-somma ta' Lm2000 lill-imputat biex ikun jista' jahdem bihom fir-rigward tan-negozju li ftehmu li jaghmlu bejniethom rigward xiri ta' *landrovers* minn ghand certu Joe Camilleri u l-eventwali bejgh taghhom. Tanti spjega li l-arrangamenti li kellu mal-imputat kien li jaqsmu l-profitti u x'hin Tanti ra li ma kien hemm l-ebda profitti talab lill-imputat is-somma li kien ghadda lill-istess imputat. Da parte tieghu, Joseph Camilleri, li xehed li kien sar ftehim fil-hanut minn fejn jinnegozja hu bl-isem ta' C&B Autoparts, xehed ukoll li minkejja li kien ghadda numru ta' vetturi *ossia* 4x4's lill-imputat u minkejja li l-imputat biegh uhud minn dawn il-vetturi, l-imputat baqa' ma hallsux.

Illi l-Qorti tinnota li c-cekk ta' Lm4000 li l-*accountant* ta' Joseph Camilleri, cioé Albert Scerri, jaghmel riferenza ghalih fid-depozizzjoni tieghu, liema cekk jinghad kien mahrug fuq isem missier l-imputat u li jinghad li eventwalment ibbownsja, ma giex ezebit f'dawn il-proceduri.

Illi minkejja li fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 kemm Matthew Tanti u kif ukoll Joseph Camilleri kkonfermaw li l-kwistjonijiet relattivi mal-imputat gew sorvolati u minkejja li huma qalu li ma kellhomx aktar interess fil-proceduri odjerni, il-Qorti tinnota li ma gewx pruvati l-elementi msemmija aktar il-fuq f'din is-sentenza li jsawru dak li qed jigi akkuzat bih l-imputat fl-ewwel (1) imputazzjoni fir-rigward ta' Matthew Tanti u C&B Autoparts.

- <u>Emanuel Camilleri</u>
- <u>Eman Camilleri</u>

Illi jirrizulta li l-imputat ta cekk *post-dated* ta' Lm4000 lil Emanuel Camilleri u wara jumejn qallu li kien gablu l-flus. L-imputat spjega li ghamel ic-cekk *post-dated* peress li kien jaf li f'dak iz-zmien li hargu ma kellux flus fil-kont pero kellu konvenju fuq id-dar u *"kelli l-intenzjoni li ha jissarraf li ha jehodhom mill-flus tal-bejgh tad-dar tieghi"* (*a fol.* 409). Jghid li l-konvenju sar u l-flus zammhom in-Nutar. Skond l-imputat, Emanuel Camilleri kien jaf li c-cekk kien *post-dated*.

Illi Emanuel Camilleri huwa l-persuna li mar ghand il-kaxxier tal-Bank of Valletta b'cekk tal-APS tal-imputat liema cekk gie msarraf mill-kaxxier Eman Camilleri, u wara li dan issarraf Eman Camilleri ta l-flus lil Emanuel Camilleri. Da parte tieghu, l-imputat jghid li ma kienx jaf li Emanuel Camilleri kien sejjer il-Bank bic-cekk. Minn imkien ma jirrizulta li Emanuel Camilleri gie b'xi mod frodat jew li b'xi mod ghamel xi telf. Minn imkien ma jirrizulta li l-imputat ghamel xi qligh minn Emanuel Camilleri. Fir-rigward ta' Eman Camilleri, apparti li ma jirrizultax li l-imputat qal lil Emanuel Camilleri biex imur isarraf ic-cekk, ma jirrizulta l-ebda rapport bejn l-imputat u l-kaxxier Eman Camilleri. Jirrizulta li l-imputat qatt ma tkellem ma' Eman Camilleri. L-imputat ma qalx lil Emanuel Camilleri fejn u ghand min kellu jmur isarraf ic-cekk in kwistjoni. B'hekk m'hemmx dubju li ma tistax tinsab htija fl-imputat fir-rigward taz-zewg persuni msemmija hawn fuq taht l-ewwel (1) imputazzjoni.

- <u>Frank S Portelli</u>

Illi mill-atti processwali jirrizulta li ghal xi karti mixtrija u mehuda minn ghand Frank Portelli l-imputat hallas b'zewg cekkijiet[12] (wiehed ta' Lm500 u iehor ta' Lm836.51) li eventwalment ibbawnsjaw. Meta Portelli gie mistoqsi jghid kif sar il-hlas, wiegeb: *"Jien tajtu cash sale u hu taghhomli dak il-hin"* (*a fol.* 73). Jghid li kif l-imputat ha l-karta sar il-pagament. In kontro-ezami, l-imputat ikkonferma li meta hu xtara u ha l-lott ta' karti minn ghand Portelli, hu dejjem hallas dak il-hin bic-cekk.

---

[12] Dok. "A" u "B" (*a fol.* 76).

Illi l-Qorti tinnota li dawn iz-zewg cekkijiet gew mahruga mill-kont bin-numru 152-0385502-1 fl-isem ta' "Mr S & Mrs. C Borg Bartolo" (*a fol.* 76) liema kont jirrizulta li huwa *overdraft* minn Dok. "SB 5" (*a fol.* 54 *et seq*.). Minkejja li fis-Sottomissjonijiet taghha d-difiza ssostni li mill-atti processwali ma jirrizultax kemm kien il-limitu tal-*overdraft* u minkejja li l-imputat jghid li meta hareg ic-cekkijiet in kwistjoni ma kienx jaf li dawn kienu ser jibbawnsjaw ghax kellu *overdraft*, il-Qorti hija tal-fehma li kien l-obbligu tal-imputat ikun jaf kemm hu l-limitu (dejjem jekk hu minnu li ma kienx jaf kemm kien!) u l-imputat kellu wkoll l-obbligu li jassigura ruhu li meta johrog cekk dan ikun jista' jissarraf. Jirrizulta li dan ma sarx.

Illi l-Qorti tinnota li l-hrug ta' cekk meta m'hemmx fondi fil-kont relattiv biex dan ic-cekk jigi onorat jista' jikkostitiwixxi truffa jew frodi. Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emmanuele Ellul** deciza fl-20 ta' Gunju 1997 il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragonevolment kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sa biex dan ic-*cheque* jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna".

Illi dan l-istess principju gie ribadit fil-kawza **Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby** deciza mill-istess Qorti fit-12 ta' Frar 1999 meta nghad is-segwenti:

> "Naturalment il-hrug ta' *cheque* fuq kont bla flus jista' jkun propju l-mezz ta' l-ingann adoperat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf parimonjali bil-konsegwenti gwadann ghal agent".

Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, meta l-imputat iffirma c-cekkijiet in kwistjoni fir-rigward ta' Frank Portelli huwa kien jaf jew messu kien jaf li ma kienx hemm bizzejjed flus biex dawn jigu onorati. Tenut kont ta' dak li nghad fir-rigward tal-konsiderazzjonijiet li jirrigwardaw lil Frank Portelli u tenut kont tal-fatt li c-cekkijiet in

kwistjoni nhargu f'dati differenti (tant li wiehed huwa datat 30 ta' April 1996 u l-iehor fis-7 ta' Mejju 1996), il-Qorti jirrizultalha li dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Frank S Portelli giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

- <u>APS Bank, Bank of Valletta u persuni ohra</u>

Illi, apparti n-nies kollha elenkati hawn fuq, l-ewwel (1) imputazzjoni taghmel ukoll riferenza wkoll ghal APS Bank, Bank of Valletta *"u persuni ohra"*[13]. Il-Qorti tinnota li ma jirrizulta xejn fl-atti processwali fir-rigward tal-Banek imsemmija *"u persuni ohra"* fir-rigward ta' liema l-Qorti tista' b'xi mod issib xi htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni giet **<u>BISS</u>** sodisfacentement pruvata fejn din l-imputazzjoni taghmel riferenza ghal Frank S Portelli.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**

Illi Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta r-reat ta' misapproprjazzjoni u cioé meta persuna zzomm hwejjeg li tkun zammet ghal haddiehor u ma troddhomx lura meta hi tkun taf li trid troddhom.

Illi l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina x'inhuma l-elementi tar-reat ta' approprjazzjoni indebita. Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex janalizzaw dan ir-reat fosthom fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni et** deciza fid-9 ta' Gunju 1998. F'dan il-kaz il-Qorti ghaddiet sabiex elenkat l-elementi essenzjali li jsawwru dana ir-reat:

> "Dana r-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk

[13] Digitura tal-ewwel (1) imputazzjoni.

il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor".

Illi ghalhekk l-awtur ta' dana r-reat irid ikollu l-intenzjoni specifika illi l-oggett li jigi fdat lilu u li jkun qed jippossjedi ghal ghan specifiku, jigi imdawwar minnu daqs li kieku huwa l-proprjetarju u jaghmel uzu minnu jew jiddisponi minnu bi profitt ghalih jew ghal haddiehor.

Illi kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei:

*"La vera essenza del reato [di appropriazione indebita] consiste nell'abuso del possessore, il quale dispone della cosa come se ne fosse proprietario (uti dominus). Egli assume, si arroga poteri che spettano al proprietario e, esercitandoli, ne danneggia il patrimonio" (**Manuale di Diritto Penale**, Giuffré (Milano), 1986, Parte Speciale, Vol. 1, p. 276)".*

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Siegfried Borg Cole** deciza fit-23 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"[...F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in-non-restituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita [...]. Kif jispjega Luigi Majno:

*Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita é necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprietà, a scopo d'indebito profitto per sè o per un terzo, il dolo sarà costituito dalla volontarietà della conversione con scienza della sua illegittimità, e dal fine di lucro: onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale. Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrerà in reato chi nel disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo…Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita è (come nel furto e nella truffa) l'animo*

*di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittimo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportuna di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriamente in sede penale. Rettamente pertanto fu giudicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materia prima da lavorare, si rifiuta, perché non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materia ricevuta; l'incaricato di esigere l'importo di titoli, che non avendo potuto compiere tale esazione, trattiene i titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza é costante nel richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole".*

Illi l-Qorti tinnota li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat taghmel riferenza ghal *"Matthew Tanti, C&B Autoparts Limited u persuni ohra"* (li gew indikati wkoll, fost persuni ohra, taht l-ewwel (1) imputazzjoni). Il-Qorti tinnota wkoll li jidher li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghal dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn ssir riferenza ghal Matthew Tanti u C&B Autoparts Limited.

Illi, kif diga nghad aktar il-fuq, kemm Matthew Tanti kif ukoll Joseph Camilleri, li xehed li kien sar ftehim fil-hanut minn fejn jinnegozja hu bl-isem ta' C&B Autoparts, ikkonfermaw li l-kwistjonijiet relattivi mal-imputat gew sorvolati u qalu li ma kellhomx aktar interess fil-proceduri odjerni. Fir-rigward tal-*"persuni ohra"*[14], il-Qorti tinnota li apparti li dawn ma jirrizultawx min huma, ma jirrizultax l-anqas li l-imputat ikkommetta r-reat imsemmi fit-tieni (2) imputazzjoni fil-konfront ta' xi hadd. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet fir-

[14] Digitura tat-tieni (2) imputazzjoni.

rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti tinnota li, apparti dak li ser jinstab hati tieghu l-imputat f'din is-sentenza, diversi kwistjonijiet bejn l-imputat u d-diversi nies involuti f'dawn il-proceduri kienu aktar ta' natura civili milli dawk penali. Mhemmx dubju li ma jezistux l-estremi tar-reati kriminali addebitati fil-konfront tal-imputat, ghajr ghal dak li l-imputat ser jinstab hati tieghu f'din is-sentenza.

Illi hija biss dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Frank S Portelli li giet sodisfacentement pruvata u li b'hekk l-imputat ser jinstab hati biss ta' din il-parti tal-imputazzjoni msemmija. Il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat fir-rigward tal-persuni l-ohra msemmija fl-ewwel (1) imputazzjoni. Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, kif diga nghad, ser jigi dikjarat procediment ezawriet.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghal dak li huwa ser jigi misjub hati tieghu, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni *per se* li giet pruvata u li taghha l-imputat ser jinstab hati, l-ammont involut (u cioé is-somma ta' Lm1336.51 (ossia €3,113.23), u kif ukoll it-tul ta' zmien li hadet il-kawza odjerna (li, bhal ma jafu l-Prosekuzzjoni u d-difiza, il-Qorti kif preseduta **assolutament** ma kellhiex kontroll fuqu). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva jew ghal dik ta' prigunerija sospiza pero ghandha timponi piena ohra alternattiva li tikkomprendi ordni ta' hlas lil Frank S Portelli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Strand Marine Ltd., André Scerri, Emanuel Camilleri, Eman Camilleri, Matthew Tanti, APS Bank, Bank of Valletta, C&B

Autoparts Limited u persuni ohra, u b'hekk tilliberah minn din il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni, u wara li rat Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Simon Borg hati ta' dik il-parti tal-ewwel (1) imputazzjoni fejn issir riferenza ghal Frank S Portelli u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar. *In oltre* b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 24 ta' l-istess Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputat Simon Borg biex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Frank S Portelli s-somma ta' tlitt elef, mija u tlettax il-Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€3,113.23)[15].

Finalment, il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata msemmi hawn fuq jew jekk ma jhallasx l-ammont imsemmi lill-persuna msemmija fi zmien lilu moghti.

______________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

______________________

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

[15] Ekwivalenti ghal Lm1,336.51 li somma tirrapprezenta l-ammont indikat fuq zewg cekkijiet ezebiti *a fol.* 76 u li gew *referred to drawer*.